MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 963/1997/1

Peter Barbara
vs
Direttur Dipartiment Tal-Avjazzjoni Civili

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1988 huwa sofra ingustizzja f’li ma nghatax zjieda ta’ promozzjoni b’lura minn meta kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien gie impjegat mad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili f’April ta’ l-1979 bhala Assistant Communicator.
F’Marzu tal-1987, kienet inghatat promozzjoni generali skond ftehim li kien intlahaq mal-General Workers Union

ghal min kien Assistant Communicator biex isir Communicator.

Minhabba li l-Elezzjoni Generali kienet fil-qrib, din iz-zjieda kienet thalliet ghal wara l-Elezzjoni.

Gara izda li din iz-zjieda inghata f'Marzu ta' l-1988 u b'effett minn dik id-data, jigifieri sena wara.

B'hekk huwa gie mtellef sena zjieda ingustament u kontra kull ftehim milhuq mal-General Workers Union u sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata s-sena zieda li hu gie mtellef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm…

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili li eccepixxa illi:

Fil-5 ta' Mejju 1987 id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili gie mitlub mill-Ufficcju tal-Prim Ministru biex jibda l-proceduri biex jigu nkorporati l-grad ta' Communicators u Assistant communicators (Dok A). Id-Dipartiment fis-6 ta' Mejju 1987 kiteb lis-Segretarju, Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u ressaq it-talba kif mitlub (Dok B). F'Novembru 1987, id-Dipartiment kien infurmat mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku li ma kenitx ghadha saret il-verifika minn-naha tas-Segretarju Amministrattiv fl-Ufficcju tal-Prim Ministru (Dok D).

Fit-22 ta' Marzu 1988, id-Dipartiment ircieva l-awtorizzazzjoni mill-Ufficcju tal-Prim Ministru biex johorgu l-hatriet mitluba (Dok E) u sussegwentament harget il-hatra ta' Airport Communicator lis-Sur Peter Barbara b'effett mit-18 ta' Marzu 1988 (Dok E).

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti esebiti.

Illi inoltre fid-9 ta' Dicembru 1999 Dr Borg Costanzi ghall-intimat kien eccepixxa ulterjorment illi l-ilment tar-rikorrenti jezorbita mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal *ratione temporis*. Illi in segwitu ghall-ahhar eccezzjoni ulterjuri it-Tribunal kien ta d-decizjoni tieghu fl-10 ta' Ottubru 2000 u in fatti kien qal:

"Ghalhekk dan it-Tribunal irid jasal ghall-konkluzjoni dwar meta sar l-allegat att jew omissjoni. Dan irid johrog mir-rikors. Gie allegat li f'Marzu 1987 kienet inghatat promozzjoni generali ghall-Assistant Communicators izda li din thalliet u baqghet id-decizjoni ma ttiehditx sa Marzu 1988. Ghalhekk din mhix xi haga li ma ttiehditx f'Marzu 1987 biss izda kull gurnata li ghaddiet wara u ghalhekk l-anqas ma ttiehdet bejn id-9 ta' Mejju 1987 u Marzu 1988. Dan ifisser li jekk ir-rikorrent jipprova l-ilment tieghu hu jista' jqabbad ma' dan il-perjodu. Jekk hemm xi nuqqas ta' l-intimat dan in-nuqqas baqa' japplika ghal matul iz-zmien kollu". Ghalhekk giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri preliminari moghtija.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li semma li kien jahdem mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u mpjegat f'April 1979. Kien fil-grad ta' Assistant Communicator. Illi f'Marzu tal-

1987 il-General Workers Union kienet ghamlet diskussjonijiet mal-Gvern u esebixxa Dokument “A” a fol 5 tal-process. Infatti meta wiehed jezamina dan id-dokument iffirmat minn V F DeGaetano for Administrative Secretary dwar Communicators and Assistant Communicators jghid is-segwenti:

“Following representations submitted by the General Workers Union it was approved that the grade of Communicators and Assistant Communicators should be incorporated under one group of Communicator.

You are therefore requested to initiate the necessary action for the upgrading of these Assistant Communicators to be classified as Communicators”.

Ir-rikorrent hawnhekk jikkontendi illi hu dam ma lahaq sa April 1988 Communicator. Id-differenza fis-salarju bejn Assistant Comminicator u Comminicator kienet xi lira u nofs fil-gimgha.

Xehed Salvu Fenech li kien jokkupa l-kariga ta’ Direttur tal-Avjazzjoni Civili minn Dicembru 1983 sa Lulju 1999. Irrefera ghall-ittra li kopja taghha tinsab a fol 6 tal-process tat-8 ta’ Mejju 1987 li hu kien baghat din l-ittra lill-Public Service Commission u kkupjata lill-Administrative Secretary. Kienu in-segwitu saru diskussjonijiet bejn il-General Workers Union, kif ukoll l-Ufficcju tal-Prim Ministru. Kien intlahaq ftehim biex l-Assistant Communicators isiru Communicators.

Prova ghaliex id-dewmien kienet li minhabba l-procedura tal-verification fejn l-Administrative Secretary dak iz-zmien kien jinforma lill-Public Service Commission li effettivament kien hemm il-bzonn tal-kariga u li hemm bzonn timtela. Kien ircieva ittra f’dan is-sens f’Novembru 1987. In segwitu f’Mejju 1988 kien ircieva ittra fejn il-Public Service Commission approvat li l-Assistant Communicators jigu Communicators, it-talba li kien ghamel hu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-Tribunal jibda biex jghid illi kieku stess ir-rikorrent kellu ragun il-mertu tal-kawza jikkonsisti li bejn Mejju 1987 u Marzu 1988 u cioe` ghall-perjodu ta' approssimattivament hamsa u erbghin gimgha, ir-rikorrent thallas lira u nofs inqas fil-gimgha, u cioe` l-ammont ta' Lm67. Illi pero` r-rikorrent ma rrejalizzax illi biex tigi implimentata decizjoni fejn il-grupp kollu kien ser jigi moghti promozzjoni mill-grad ta' Assistant Communicator ghal Communicator kellhom isiru proceduri ghax din ma kenitx sempliciment tiddependi li xi hadd iqum filghodu u f'daqqa wahda isiru kif xtaq hu Communicators. Giet moghtija l-ispjegazzjoni mis-Sur Fenech dwar dan li l-Administrative Secretary kellu jinforma lill-Public Service Commission li kien hemm bzonn din il-kariga u li ovvjament certu affarijiet jiehdu ftit zmien.

It-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura f'dan id-dewmien ghax huwa dewmien ta' zmien limitat li naturalment jirrikjedi li kemm l-Administrative Secretary kif ukoll il-Public Service Commission hija ntitolata ghalih biex tara li l-affarijiet isiru sewwa u certament m'hemmx elementi ta' l-ingustizzja kif qieghed jippretendi r-rikorrent ghax certament ma sar xejn dirett fil-konfront tieghu l-anqas ittiehed xi zmien twil ezagerat kif ukoll l-entita` ta' l-ammont mitlub hija wahda veru zghira meta wiehed jikkunsidra fuq xiex normalment isiru kawzi quddiem it-Tribunal.

Illi f'dan il-kaz isib illi l-eccezzjoni ta' l-intimat gustifikata u jichad it-talba tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent.